# ITTRA TA' WIEĦED
# FUQ IL-KAMP TAL-BATTALJA LIL MARTU*

(*Minn Alb. M. Cassola*)

Għażiża marti,

Ma nafx jekk dina l-ittra tiegħi tilħaqx tasallek qabel ma tasal fuqi l-balla li taħsadli ħajti. La toħodhiex bi kbira jekk tisma' li fil-battalja li saret dan l-aħħar mietu l-eluf u li fosthom jiena wkoll tlift ħajti. Il-mewt għall-art tat-twelid ma fihiex ħasra.

Midrub għal darbtejn f'taqtigħa li saret m'ilux, għaraft bħala suldat qawwi nżomm fuq saqajja u nissielet sider ma' sider sakemm il-għadu mifni ħarab. Did-darba l-battalja sa tkun mill-aktar ħorox u d-demm sa jiġri mhux ftit. Tama żgħira hemm li nibqa' ħaj.

Iżda l-mewt tiegħi flimkien mal-mewt ta' sħabi l-oħra kollha tfisser il-ħajja ta' artna l-maħbuba, il-ħajja ta' art martna u wliedna, art ħbiebna u qrabatna.

F'dan il-ħin li minn waqt għal ieħor nistennew l-ordni biex naqbdu f'idejna l-armi u nħebbu għall-għadu, ma nistâx, ja marti għażiża, ma nistâx noqgħod niktiblek fit-tul u nsemmilek kulma nixtieqek tkun taf dwari u nfissirlek dak kollu li qalbi, qalb ta' suldat, u ta' missier, tħoss. Bus għalija lil dawk uliedna li għalihom konna dejjem lesti biex nagħtu ħajjietna. Bushom u għidilhom li dik hija l-aħħar ħaġa li qiegħed nibagħtilhom. L-aħħar, iżda, l-egħżeż! Dik il-bewsa jiena nismagħha tfaqqa'... imqar bil-ħsieb.

U fl-aħħarnett ilqa' inti wkoll il-bewsa tiegħi: bewsa ħelwa u bnina bħall-ewwel waħda li tajtek meta jiena ta' għoxrin sena u inti ta' sittâx iltqajna għall-ewwel darba firramla ta' San Pawl-il-Baħar u bqajna sejrin flimkien, idejk bejn idejja, lejn dik il-wesgħa, fejn is-siġar mil-lewn it-tama u sbieħ bħar-rebbiegħa, kennewna mis-sried tal-lejla.

Hemmek, jekk għadek tiftakar: ħliftlek—kif qatt nista' ninsa dik il-lejla?—ħliftlek li nibqa' nħobbok sa mewti!

Issa li nibża' li l-mewt għoddha waslet fuqi, x'baqgħali jewwilla ħlief li nġib quddiem għajnejja lilek, iż-żmien ta' mħabbitna u wliedna? Kollox igħaddi. Kollox jispiċċa. Igħaddi ż-żmien u tispiċċa kull ħaġa. Biss l-imħabba ma għandhiex tmiem: l-imħabba għad-dar u l-familja, l-imħabba għall-patrija u n-nies ta' pajjiżi!

---

* Din l-ittra hija magħżula bħala l-aħjar komponiment fil-klassi tal-Malti ta' bil-lejl fil-Liċeo.

Xejn iżjed, ja marti. Jekk mill-kitba tinduna li ktibtlek bir-rogħda, dana rridek tkun taf tabilħaqq: li dina tiegħi ma hix rogħda ta' biża': din hi rogħda ta' mħabba, ta' dik l-imħabba li biha ħabbejt u nibqa' nħobb dejjem sa mewti, lilek, lil uliedi, lil sħabi, lil arti.

Sa nitlaq il-pinna issa...biex naqbad l-ixkubetta! Uliedi f'idejk, ja marti, u ħajti f'idejn Alla... Saħħa għal dejjem.

Minn qalb it-trunċieri.

KELINU